# L-Unjoni Ewropea tagħna - Żmien li nkunu Kuraġġużi, li Naġixxu, u li Nwettqu r-riżultati

## Proposta mill-Assoċjazzjoni tal-Eks Membri tal-Parlament Ewropew (FMA) għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

L-għan ta' din il-proposta, li hija bbażata fuq ir-rapporti u d-dokumenti tal-laqgħat tat-22 ta' April, tat-30 ta' Ġunju, tat-12 ta Ottubru u tas-7 ta' Diċembru 2021, u l-kontributi rikki u diversi minn membri individwali tal-Assoċjazzjoni tal-Eks Membri (FMA) u Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs), huwa li jinkiseb kunsens wiesa' fi ħdan l-FMA u l-Grupp ta' Riflessjoni tagħha dwar il-Futur tal-Ewropa għal kontribut għas-sessjoni plenarja tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (il-"Konferenza").

**Introduzzjoni**

"*J'ai toujours pensé que l'Europe se ferait dans les crises, et qu'elle serait la somme des solutions qu'on apporterait à ces crises.*" (Jean Monnet, *Mémoires*, Pariġi, Fayard, 1976, p. 488)

F'dan iż-żmien ta' kriżi serja, huwa aktar importanti issa minn qatt qabel li l-Unjoni Ewropea (UE), li hija sfidata kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-Istati Membri tagħha, tirrifletti fuq il-futur tagħha. L-eks MEPs, li jiltaqgħu taħt il-patroċinju tal-FMA, jistgħu jikkontribwixxu minn perspettiva partikolari, minħabba **l-għarfien espert, l-esperjenza u l-memorja istituzzjonali u politika** tagħhom tal-unika istituzzjoni tal-UE li hija eletta direttament miċ-ċittadini tal-UE.

Il-Konferenza hija opportunità unika biex issir riflessjoni dwar il-futur tal-UE u biex jitmexxa d-djalogu dwar dan b'mod miftuħ u inkluživ.

Aħna nemmnu li l-Konferenza għandha tiffoka fuq mistoqsijiet wesgħin relatati mal-integrazzjoni Ewropea, il-modi kif l-UE tista' tkun aktar effiċjenti, iżżid il-kapaċità tagħha

JAN02Q073, European Parliament Rue Wiertz, B-1047 Bruxelles
Tel. 32/2. 284 07 03 Fax. 32/2. 284. 09 89
formermembers@europarl.europa.eu
www.formermembers.eu

li taġixxi u twassal dak li jistennew iċ-ċittadini, u kif l-istat tad-dritt jista' jiġi mħares aħjar, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà ta' bidla fit-Trattat. Nittamaw ukoll li jiġu solvuti xi mistoqsijiet interistituzzjonali, bħall-futur tal-hekk imsejħa sistema *Spitzenkandidaten* u li se jinkisbu tagħlimiet mill-aħħar kriżi tal-UE, jiġifieri l-pandemija tal-COVID-19 li għadha għaddejja.

Jeħtieġ li nagħmlu iktar. Għalhekk, bħala eks MEPs, irridu nkunu kuraġġużi, peress li din l-opportunità biex l-UE tkun aktar ambizzjuża fil-futur ma għandhiex tinħela.

B'dan il-ħsieb, iddeċidejna li nippreżentaw ħames linji gwida ġenerali li l-UE għandha ssegwi fl-iżvilupp tal-politika u l-politiki futuri tagħha.

Barra minn hekk, ġbarna lista ta' 10 proposti konkreti dwar id-direzzjoni li għandha tieħu l-UE fl-iżvilupp tagħha, jew, fi kliem ieħor, l-oqsma li fihom jeħtieġ li tittieħed inizjattiva.

**Linji gwida ġenerali:**

1. L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-UE "hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel". Sabiex tiġi żgurata l-kredibilità kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, il-valuri u l-prinċipji bażiċi tal-Unjoni, kif definiti hawn fuq, ma għandhomx jiġu kompartimentalizzati billi jiġu limitati għal oqsma speċifiċi ta' politika, iżda minflok għandhom jiġu integrati kemm jista' jkun, permezz ta' mekkaniżmi ta' infurzar kredibbli u effettivi, fl-azzjonijiet kollha meħuda mill-UE.

2. Sabiex jintlaħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini, irid ikun hemm rieda politika li l-UE tingħata l-kapaċità li taġixxi, kemm f'termini ta' regoli (biex jiġi evitat l-imblukkar) kif ukoll ta' riżorsi. Dan huwa kruċjali għas-suċċess tal-Unjoni, b'rabta bejn il-prijoritajiet taċ-ċittadini u l-għodod u l-mezzi meħtieġa f'diversi oqsma ta' kompetenza, u b'hekk jonqos id-distakk sfortunat bejn l-aspettattiva u t-twassil, u bejn dikjarazzjonijiet ambizzjużi u riżultati li ma jħallux impatt pożittiv. Aktar mid-dibattiti dwar aktar jew anqas Ewropa, il-prinċipju gwida għandu jkun li l-UE tingħata dak li teħtieġ sabiex tkun tista' taġixxi f'konformità mal-aspettattivi taċ-ċittadini.

3. Għandhom jintużaw l-għodod u l-mezzi kollha li bħalissa huma previsti fit-Trattati, inklużi d-diversi opportunitajiet li s'issa għadhom ma nħatfux[1], mhux l-inqas il-possibbiltà ta' bidla fit-Trattat, li għandha dejjem tfittex li tkompli ssaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet u s-sistema demokratika tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-rwol tal-Parlament u l-kapaċità li tintlaħaq deċiżjoni fi ħdan il-Kunsill, u b'hekk tiġi eliminata l-possibbiltà għal kull Stat Membru li jeżerċita l-veto.

4. L-inizjattivi kollha meħuda mill-UE għandhom jinkorporaw l-għanijiet ta' politika wiesgħa tagħha, aktar milli jmorru kontrihom. Fi kliem ieħor, il-politiki tal-UE għandhom jirrikonċiljaw l-interessi ekonomiċi (jiġifieri t-tkabbir u l-prosperità) mal-protezzjoni soċjali (jiġifieri l-interessi u l-benesseri), u b'hekk jiffurmaw ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva, filwaqt li jqisu wkoll standards għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u tal-klima. Fil-fatt, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih qed jitfaċċaw bħala sfida globali li tirrikjedi li s-soċjetajiet tagħna jiġu strutturati mill-ġdid fl-intier tagħhom biex jippermettu l-adozzjoni ta' mudelli aktar sostenibbli u inklużivi. Għandhom jingħataw il-mezzi politiċi, legali u finanzjarji lill-UE biex tkompli tmexxi f'dan il-qasam.

5. Id-demokrazija tal-UE għandha tissaħħaħ fil-livelli kollha (lokali, reġjonali u nazzjonali), filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, permezz tal-parteċipazzjoni aktar strutturata taċ-ċittadini individwali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'enfasi akbar fuq it-trasparenza u l-aċċessibbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-UE. Tali parteċipazzjoni hija maħsuba biex la ddgħajjef ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali u lanqas il-proċess elettorali. Għall-kuntrarju, id-demokrazija parteċipattiva u rappreżentattiva għandha tiġi interpretata bħala żewġ prinċipji li jsaħħu lil xulxin. Ir-rwol tal-partiti politiċi Ewropej għandu jissaħħaħ, b'mod speċjali matul l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

**Proposti konkreti:**

1. Il-pandemija tal-COVID-19 li għadha għaddejja wrietna, fost affarijiet oħra, il-ħtieġa li jkun hemm aktar solidarjetà fost l-Istati Membri b'mod speċjali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Il-mekkaniżmi għal appoġġ reċiproku u assistenza għal żmien qasir fil-

[1] Għall-kummentarju dwar l-Artikoli tat-Trattat li ma ġewx sfruttati, ara: Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona (ĠU C 252, 18.7.2018): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52017IP0049.

qasam tas-saħħa għandhom jiġu organizzati fil-livell tal-UE. F'dak ir-rigward, is-solidarjetà li qabżet l-hekk imsejjaħ koronazzjonaliżmu tar-rispons inizjali orjentat lejn l-Istati Membri, flimkien mas-suċċessi kondiviżi murija fil-ġlieda kontra l-pandemija, għandha tintuża bħala bażi għal soluzzjonijiet aktar permanenti. Fi kliem ieħor, l-aktar mistoqsija urġenti għandha tkun: l-UE se tkun imħejjija aħjar meta jseħħ id-diżastru kbir li jmiss jew meta tfaqqa' xi kriżi?[2]

2. F'dinja fejn l-Istati Membri individwali ma jistgħux jikkompetu mas-superpotenzi globali, li jaġixxu b'mod unilaterali, għandha tiġi żviluppata politika ġenwina tal-UE għall-affarijiet barranin, is-sigurtà u d-difiża billi fil-Kunsill tintuża aktar ta' spiss il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK) (eż. għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet) u bl-użu tal-istrumenti ta' flessibbiltà kollha tat-trattat inkluża l-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) biex jiġi evitat l-imblukkar. Għandha tiġi żviluppata kapaċità ta' difiża komuni u operattiva sabiex l-UE - jew l-Istati Membri tagħha - tkun tista' tirreaġixxi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi (eż. l-ajruport ta' Kabul). F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-pilastru Ewropew tal-Alleanza tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) għandu jissaħħaħ. Dan huwa dak li ċ-ċittadini jistennew mill-UE. Hija biss kwistjoni ta' rieda politika. Bidla lejn VMK fil-qasam tal-affarijiet barranin tittrasforma lill-Istati Membri minn atturi tal-veto f'sensara onesti li għandhom ikunu jistgħu jilħqu kunsens dwar kwistjonijiet sensittivi u kritiċi.

3. Abbażi tal-esperjenza ma' NextGenerationEU, l-Unjoni għandha tkun tista' tkompli tiżviluppa u tiddeċiedi dwar ir-riżorsi proprji tagħha, bħal fi kwalunkwe livell ieħor ta' gvern. Fi kliem ieħor, l-UE għandha tgawdi minn awtonomija fiskali, jiġifieri tkun tista' tiġbor il-flus fis-swieq finanzjarji billi toħroġ bonds (kapaċità ta' self), inkluż barra mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tgħolli t-taxxi madwar l-UE kollha li huma marbuta mal-kompetenzi tagħha[3]. L-estensjoni tal-istrumenti maħluqa minn

[2] Ara l-emenda li tressqet minn, fost l-oħrajn, Elmar Brok matul il-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa (2001-2003), fejn ġiet proposta ż-żieda ta' "il-ġlieda kontra theddida għas-saħħa pubblika ta' natura transfruntiera sinifikanti” bħala kompetenza kondiviża tal-UE: http://european-convention.europa.eu/docs/Treaty/pdf/12/global12.pdf (page 11). Ara wkoll, ir-referenzi għas-saħħa pubblika bħala kompetenza kondiviża fir-rapport finali tal-Grupp ta' Ħidma XI dwar l-Ewropa Soċjali (Brussell, 3 ta' Frar 2003: http://european-convention.europa.eu/pdf/reg/en/03/cv00/cv00516-re01.en03.pdf), bħal fl-"l-Artikolu 152 attwali [Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Trattat ta' Nizza, il-verżjoni konsolidata)] għandu jiġi estiż sabiex l-Unjoni tingħata aktar kompetenzi fil-qasam tas-saħħa pubblika u jkopri kwistjonijiet bħal theddida transfruntiera serja, mard li jittieħed, bijoterroriżmu u l-Ftehimiet tal-WHO" (paġna 15).

[3] "Jekk irridu li dan il-pakkett rivoluzzjonarju jinbidel f'"mument Hamiltonjan" veru li l-Ewropa tant teħtieġ, irridu nipprovaw inżommu l-momentum, billi nsibu mod kif nestendu l-kapaċità tas-self lil hinn mill-kriżi,

NextGenerationEU għandha tiġi diskussa fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Ir-ritorn għall-baġits nazzjonali bbilanċjati jista' jkun akkumpanjat minn żieda fis-self fil-livell tal-UE biex jittieħdu investimenti nazzjonali. Barra minn hekk, dawn il-passi ġodda għandhom jiġu stabbiliti fit-Trattati. B'żieda ma' dan, il-kontroll parlamentari mill-Parlament Ewropew għandu jiġi estiż lil hinn min-nefqa biex ikopri d-dħul ukoll. Il-baġit ġenerali tal-UE għandu jirrifletti l-ambizzjonijiet tagħha. Wieħed ma jistax jaspira għal politiki kbar, wisq anqas ikun kuraġġuż fl-azzjonijiet tiegħu, meta mfixkel b'mezzi modesti.

4. Id-diġitalizzazzjoni għandha tkun inklużiva – li ħadd ma jitħalla jibqa' lura – u protettiva taċ-ċittadini tal-UE u tal-Istati Membri. L-UE għandha tieħu t-tmexxija fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, speċjalment minn pajjiżi terzi. Id-diżinformazzjoni u t-tixrid ta' aħbarijiet foloz jimminaw b'mod sistematiku l-valuri u l-prinċipji tagħna, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala reat kontra d-demokrazija. L-UE għandha tgħin biex jiġi ssalvagwardjat spazju elettroniku sikur għall-Istati Membri kollha u fil-livelli kollha tal-gvern.

5. Hemm bżonn ta' aktar edukazzjoni u informazzjoni Ewropea, b'mod partikolari għall-ġenerazzjonijiet taż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-iżvilupp ta' materjali pedagoġiċi multilingwi u aċċessibbli b'mod diġitali, għaċ-ċittadini kollha dwar l-istorja tal-Ewropa, ibbażati, b'mod partikolari, fuq perspettivi transnazzjonali[4], u fuq l-integrazzjoni Ewropea u s-sistema demokratika tal-UE.

6. Għandu jsir aktar biex jiġi protett l-istat tad-dritt, speċjalment fir-rigward tal-Istati Membri attwali. L-UE ma tistax titlob b'mod kredibbli standards għoljin u mġiba eżemplari mill-pajjiżi kandidati, u wisq inqas tindika nuqqasijiet f'pajjiżi terzi, jekk l-Istati Membri tagħha stess ma jaġixxux f'konformità mal-valuri u l-prinċipji bażiċi tagħha. Għalhekk, l-UE għandha tiżviluppa u tapplika bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha għadd ta' strumenti għall-infurzar tal-istat tad-dritt.

7. L-instabbiltà ġeopolitika, il-kompetizzjoni dinjija għar-riżorsi naturali, id-dipendenza tal-UE mill-importazzjonijiet tal-enerġija minn pajjiżi terzi u l-impatt tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima kollha jenfasizzaw il-ħtieġa ta' unjoni tal-enerġija vera. L-ostakli għall-integrazzjoni tas-suq intern għandhom jitneħħew, għandu jkun hemm koordinazzjoni

u li r-riżorsi tagħha nittrasferixxuhom b'mod gradwali minn għajnuna għall-baġits nazzjonali, għal finanzjament tal-politiki tal-UE." (Alain Lamassoure, 10 ta' Novembru 2021).

[4] Ara, pereżempju, Dar l-Istorja Ewropea: https://historia-europa.ep.eu/mt/missjoni-u-vizjoni.

bejn il-politiki nazzjonali u r-rwol tal-enerġija għandu jiġi inkorporat fil-politika barranija tal-UE, sabiex jiġu stimulati sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-UE u tiġi pprovduta enerġija affordabbli u provvista tal-enerġija sikura ħafna għaċ-ċittadini u l-kumpaniji kollha tagħha.

8. Is-sistema ta' *Spitzenkandidaten* għandha tiġi infurzata, l-ewwel u qabel kollox mill-Parlament innifsu. Il-futur tas-sistema jiddependi primarjament mir-rieda tal-Parlament li jieħu pożizzjoni vis-à-vis il-Kunsill Ewropew. Sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' *Spitzenkandidaten*, qed titqies l-introduzzjoni ta' listi transnazzjonali – b'għadd limitat ta' siġġijiet sakemm ma toħloqx MEPs tal-ewwel u tat-tieni klassi. Għan-nomina u l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni, in-numru tas-siġġijiet tal-gruppi fil-Parlament huwa deċiżiv u l-MEPs kollha jgħoddu ndaqs. Fi kwalunkwe każ, il-viċinanza tar-rappreżentanti mal-kostitwenti tagħhom u l-punt sa fejn iċ-ċittadini jidentifikaw mal-MEPs għandhom jissaħħu.

9. Bħala t-tieni kamra tal-leġiżlatura tal-UE, il-Kunsill għandu jagħmel aktar biex id-deliberazzjonijiet tiegħu jsiru viżibbli u trasparenti. Din il-kamra għandha taġixxi bħala korp pubbliku wieħed, fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet finali kollha, b'laqgħat miftuħa għaċ-ċittadini kollha, simili għall-Parlament.

10. Hija meħtieġa perspettiva Ewropea vera għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent[5]. Dan jista' jsir biss permezz ta' pjan direzzjonali konkret u dettaljat, akkumpanjat minn skeda ta' żmien stretta. B'dan il-mod, il-kundizzjonalità tissaħħaħ fuq iż-żewġ naħat: il-pajjiżi kandidati jkunu jafu x'għandhom jagħmlu u meta jagħmlu dan sabiex isiru membru tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jkunu mħeġġa jikkonformaw mal-prospetti tat-tkabbir li jkunu qablu dwarhom u jsaħħu l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-UE, speċjalment fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.

---

[5] Ara, pereżempju, l-istqarrija għall-istampa tal-PE tal-25 ta' Marzu 2021: https://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20210322IPR00528/enlargement-reports-meps-fully-support-western-balkans-european-future.

Kontribut adottat fit-8 ta' Diċembru 2021 mill-Kumitat ta' Ġestjoni tal-FMA magħmul minn:

*Hans-Gert Pöttering, President*

*Monica BALDI, Viċi President*

*Jean-Pierre AUDY, Teżorier*

*Teresa RIERA MADURELL, Segretarju Onorarju*

*Michael HINDLEY, Membru*

*Brigitte LANGENHAGEN, Membru*

*Miguel Angel MARTÍNEZ MARTÍNEZ, Membru*

*Edward McMILLAN-SCOTT, Membru*

*Pier Antonio PANZERI, Membru*

*Manuel PORTO, Membru*

Dwar proposta adottata fis-7 ta' Diċembru 2021 mill-Grupp ta' Riflessjoni tal-FMA dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea magħmul minn:

*Hans-Gert PÖTTERING, President tal-FMA u eks President tal-Parlament Ewropew (President)*

*Enrique BARON CRESPO, eks President tal-Parlament Ewropew u tal-FMA (Spanja, S&D, 1986–2009)*

*Elmar BROK, eks MEP (il-Ġermanja, PPE, 1980–2019)*

*Pat COX, eks President tal-Parlament Ewropew u tal-FMA (l-Irlanda, ALDE, 1989–2004)*

*Monica FRASSONI, eks MEP (l-Italja, Verts, 1999–2009)*

*Genowefa GRABOWSKA, eks MEP (il-Polonja, SOC, 2004–2009)*

*Zita GURMAI, eks MEP (l-Ungerija, S&D, 2004–2014)*

*Alain LAMASSOURE, eks MEP (Franza, PPE, 1989–1993/1999–2019)*

*Richard CORBETT, eks MEP (ir-Renju Unit, S&D, 1996-2009/2014-2020) (Osservatur)*

B'kooperazzjoni mill-qrib tal-Professur Steven Van Hecke u ta' Elisabetta Fonck, Segretarju Ġenerali tal-FMA.